**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 15 – IT-TLIETA, 31 TA' AWWISSU 2010 FIS 7:00PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippropona li nistennew lill-Kunsillier Antoine Vella jasal mix-xogħol qabel ma' tibda l-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu. Il-laqgħa bdiet fit-7.45pm.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti ġew approvati mingħajr ebda korrezzjoni.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Il-lista tal-pagamenti ġew approvati. Il-pagament numru 38, għandu jinħareġ wara li jiġi verifikat. Għandu jiġi nkluż ukoll pagament ta' 1556.13 lil "V Squared" bħala depożitu ta' 25% għall-proġett tal-iMtarfa Video, mill-kunsill taż-Żgħażagħ.

**3 Tenders**

3.1 Inqrat l-email mingħand is-Sur Silvio Frendo, fejn ġejna indikati li t-*tender* tad-*Domestic Waste Collection* għandha terġa' tinħareġ minħabba żbalji fid-dokument li kien inħareġ. Ġie deċiż li terġa' tinħareġ din it-*tender* kif ġie diskuss fil-laqgħa u skont il-lista ppreżentata.

3.1.1 Ġie deċiż li f'din it-*tender* il-*Bins on Wheels* jitbatlu kuljum, imma s-servizz tad-*door to door* isir nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt. Dan qed isir biex tiġi promova l-ġbir ta' skart separat li jsir nhar ta' Tlieta. Ġiet ippreżentata pjanta tat-toroq fejn ser ikun hemm id-*door to door* u fejn hemm il-*Bins on Wheels*. Din l-informazzjoni għandha tigi ikkomunikata fuq id-dokument tat-*tender*. Ser ikun hemm viġilanza stretta fuq l-indafa tal-*bins on wheels* u madwarhom.

3.2 Ġie deċiż li tinħareġ it-*tender* tal-*Bulky Refuse Collection*.

3.3 Ġie deċiż li tinħareġ it-*tender* għall-*period contract* għal xiri ta' materjal għall-manutenzjoni. It-*tender* għandha tinkludi l-lista ta' materjal ippreżentata waqt il-laqgħa.

3.4 Ġie deċiż li jinħareġ it-*tender* għar-restawr tal-iStatwa ta' San Nikola. Ir-restawr għandu jsir fuq l-istatwa eżistenti biss u x-xogħol fuq il-ħadid ta' madwar isir mill-ħaddiema tal-kunsill. Dan il-proġett għandu jkun lest sal-31 ta' Diċembru 2010.

**4 It-Torri tal-Arloġġ**

Ġie deċiż li t-Torri tal-Arloġġ jiġi miftuħ bħala attrazzjoni turistika. Il-post irid jiġi ċertifikat strutturalment mill-Perit u mill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà. Is-Sindku żvela li se jagħmel kuntatti mal-operaturi tal-vjaġġi. Din għandha tippromovi t-turiżmu fl-iMtarfa.

**5 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

5.1 Michael Portelli gie maħtur Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa.

5.2 Il-Kunsill ġie regalat żewġ kotba mill-Awtur is-Sur Anton Sammut.

5.3 Rabat Homing Union talbet lill-kunsill għal xi post fejn jistgħu jużawh bħala Club House. Ġie deċiż li ninfurmaw lil din l-għaqda li preżentament m'hemmx post addattat li jistgħu jużaw.

5.4 Ġie deċiż li jitħallas l-*overtime* lill-iskrivan tal-kunsill, għal *overtime* li ħadem kollu. Għandu ukoll jitnaqqaslu mill-leave, il-ħin li kien għamel waqt kors li kien attenda. Il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu mill-ewwel ta' Settembru għandu jkun bejn is-7.30am u l-4.30pm b'50 minuta *break*. Dan il-ħin għandu jkopri l-ħin tas-sajf f'Awwisu li jaħdem bejn is-7.30am u s-1.30pm. Għandu wkoll jiġi ffirmat il-kuntratt mal-iskrivan.

5.5 Ġie deċiż li jitħallas *allowance* lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv minħabba li għall-perjodu bejn is-26 ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu, hu ser jitħallas mid-DLG bir-rata ta' skala 10 u mhux 7 kif iġġib magħha l-kariġa.

**6 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

6.1 Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' japplika għall-iskemi dwar inizjattivi ta' attivitajiet fuq tal-Karnival u tal-*Military Mtarfa*. Sar diskussjoni dwar jekk il-kunsill m'għandux jorganizza hu jew jerġax iqabbad lill-*Future Focus*.

6.2.1 Ix-xogħol fuq il-bandli l-ġodda ser isir mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Il-Kunsill se joħroġ biss l-ispejjeż tal-materjal. Il-*billboards* għandhom jitwaħħlu mill-Ministeru. Dan skont taħditiet li sar mar-rappreżentanti tal-MRRA.

6.2.2 Ġie deċiż li l-bandli l-antiki għandhom jinqalgħu u jeħlu fl-ispazju miftuħ fi Triq Sir David Bruce. Għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill għall-permessi neċċesarji inkluż dawk mill-MEPA.

6.3 Ġie deċiż li t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq jibdew isiru tal-konkrete bil-ħaddiema tal-kunsill. Għandu jsir ukoll il-manutenzjoni fuq it-tabelli tal-konkrete eżistenti.

6.4 Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar għamel donazzjoni ta' kotba lill-Kunsill Lokali ta' l-iMtarfa.

6.5 Kellna talba miż-żgħażagħ Mtarfin sabiex nagħmlu ċentru taż-żgħażagħ. Din ma setgħetx tiġi milqugħha minħabba li l-kunsill ma jipposediex propjetà. Il-Kunsill qed jagħmel li jista' biex jakkwista propjetà b'devoluzzjoni biex tipprovdi *premises* lil dawn l-għaqdiet.

6.6 Gie deċiz li ssir talba ta' *devolution* għal *Isolation Hospital*, *Sister's Quarters* kif ukoll għal *Water Tower*.

6.7 Għandha tintbagħat talba għal *Green Wardens* bejn is-6.30am u s-7.30am u bejn il-5.00pm u s-6.00pm.

6.8 Ġie deċiż li napplikaw għal *Green Challenge Award*.

**7 Aġġornamenti u xogħlijiet**

7.1 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:
Il-*Union* tal-*Cabin Crew* se jerġgħu jagħmlu l-laqgħa annwali tagħhom fis-sala tal-uffiċċju tal-kunsill. Ippreżenta kopja tal-kuntratt li għandu jiġi ffirmat mal-*V Squared*, għal produzzjoni tad-DVD tal-iMtarfa. Ġie deċiż li l-BBQ għal dawk li ħadu sehem fil-ġemellaġġ isir fit-2 ta' Ottubru. Dan għandu jkun bil-ħlas. Ippreżenta artiklu mit-*Times of Malta* fuq l-importanza li l-bandli jkunu skont linja ta' gwida maħruġin mill-*Malta Standards Authority*, u li ser ikun hemm fondi speċjali biex dawn jitjiebu.

7.2 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:
Hemm problema tal-ilma meta tagħmel ix-xita quddiem id-dar bl-isem "Il-Ħarruba fi Triq l-iMtarfa. Għandha tintbagħat ittra lill-ADT fuq din l-problema. Staqsa fuq il-kors tal-*first aid*. Irriżulta li l-*quotations* għadhom qegħdin jinġabru mis-Sindku. Ġie deċiż li jitwaqqaf l-bord editorjali. Dan għandu jkun iffurmat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku, il-Kunsilliera Anatole Scerri Diacono u Antoine Vella. Ġie deċiż li ssir l-Laqgħa Annwali għar-residenti. Id-data għandha trid tiġi stabilita aktar tard. L-informazzjoni għal *website* għadha qed tinġabar. Ġie deċiż li niktbu lill-ADT fuq il-bypass tal-iMtarfa u t-*traffic management* fejn hemm entraturi għal ġol-qalba tal-iMtarfa u għal *loading* u *unloading bay* fejn il-ħwienet fit-*Town Centre*.

7.3 Il-Vici Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:
Saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-ġnien li hemm fi Triq Sir Philip Pullicino, u xogħol ta' dawl fi ġnien Sir Leslie Rundle, kif ukoll xogħol fuq iż-Zebra crossing fi Triq San David, tibdil ta' kaptelli, u xogħol ta' manutenzjoni fuq gazebo fi Triq Ħażnet l-Ilma. Ġie deċiż li niktbu lill-ADT biex issir *junction box* u *double yellow line* fi Triq San Oswald, minħabba parkeġġ ħazin, u biex titneħħa *single yellow line* li hemm f'*layby* ħdejn l-Għassa tal-Pulizija, biex dan jiġi post fejn jista' jsir parkeġġ.

**8. Għeluq il-Laqgħa**

Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir il-Ħamis, 23 ta' Settembru 2010 fit-8.30pm. Dan minħabba l-ħin tax-xogħol tal-Viċi Sindku, Simon Paul Fenech u tal-kunsillier Antoine Vella

Il-Laqgħa spiċċat fl-10.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Anthony Mifsud** |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |